

7. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha — Obbligi probatorji tal-kumpannija li tixtieq tikkonfuta din il-preżunzjoni (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 111-116)*

Suġġett

Preliminarjament, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali) u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) RKW SE u JM Gesellschaft für industrielle Beteiligungen mbH & Co. KGaA huma kkundannati għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 —
Low & Bonar u Bonar Technical Fabrics vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-59/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ksur uniku u kontinwat — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament — Ġurisdizzjoni sħiħa”

1. *Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Deċiżjoni li timponi multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Rikors intiż sabiex jinkiseb ir-rimbors tal-interessi moratorji sostnuti minn impriża minħabba l-ħlas tal-multa — Inammissibbiltà (Artikolu 230 KE) (ara l-punti 23-26)*
2. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Impriżi li jistgħu jinstabu fi ksur li jikkonsisti fil-parteċipazzjoni f'akkordju globali — Kriterji — Oneru tal-prova (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 61, 62, 64)*
3. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża — Kriterji ta' evalwazzjoni (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel inċiż tal-punt 3) (ara l-punti 73, 74, 79)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba għall-annullament jew għar-riduzzjoni tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) L-ammont tal-multa imposta permezz tal-Artikolu 2(l) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), huwa ffixat għal EUR 9.18 miljuni.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

- 3) Il-Kummissjoni Ewropea, Low & Bonar plc u Bonar Technical Fabrics NV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 —
Stempher u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-68/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Preskrizzjoni — Prova tal-ksur”

1. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Prova tal-ksur u tat-tul tiegħu li għandha tiġi prodotta mill-Kummissjoni — Portata tal-oneru probatorju (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 25, 26)*
2. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Preskrizzjoni fil-qasam tal-azzjonijiet — Konsegwenzi (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 25) (ara l-punt 42)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali u talba ta' tibdil tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali).